REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/671

tat-2 ta' April 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tipi ta' data addizzjonali dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(6), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/1804 jistabbilixxi li sal-14 ta' April 2025, l-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar u punti ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-fjuwils alternattivi, jew, f'konformità mal-arranġamenti bejniethom, is-sidien ta' dawk il-punti, għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data statika u data dinamika dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi mħaddma minnhom, jew servizzi marbuta b'mod inerenti ma' tali infrastruttura li huma jipprovdu jew li jesternalizzaw, mingħajr ħlas.

(2) Sabiex jiġi pprovdut sett komprensiv ta' data b'mod armonizzat madwar l-Unjoni b'kapaċità li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni futuri tal-utenti finali tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, li jipprovdihom b'informazzjoni suffiċjenti dwar il-post ġeografiku, il-karatteristiċi u s-servizzi ġenerali offruti fil-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku, filwaqt li jqis ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda u s-servizzi ġodda li se jidħlu fis-suq, huwa neċessarju li tiġi emendata l-lista tas-sett preliminari ta' tipi ta' data inkluża fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/1804.

(3) It-tipi ta' data addizzjonali introdotti permezz ta' dan ir-Regolament huma relatati mal-informazzjoni ġenerali dwar l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar u tal-punti tar-riforniment, inkluża l-informazzjoni dwar il-preżenza ta' persuni fiżiċi li jieħdu ħsieb l-istazzjon tal-irriċarġjar jew tar-riforniment, jew l-eżistenza ta' faċilitajiet li joffru servizzi assoċjati lill-utent. Barra minn hekk, ċerti tipi ta' data jkopru aspetti ta' aċċessibbiltà, bħal parametri aktar dettaljati tal-kompatibbiltà tat-tip ta' vettura billi jinkludu speċifikazzjonijiet tal-vetturi permessi u aspetti operazzjonali, bħall-kapaċità kumulattiva ta' kuljum tal-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu jew il-pressjoni tal-idroġenu kkonsenjata fil-punt tar-riforniment. Barra minn hekk, it-tipi oħra ta' data jindirizzaw b'mod speċifiku l-iżviluppi teknoloġiċi u s-servizzi ġodda li jidħlu fis-suq, bħal servizzi plug-and-charge jew servizzi tal-irriċarġjar intelliġenti. B'mod ġenerali, jeħtieġ li jiġu introdotti dawn it-tipi ta' data addizzjonali biex jiġi żgurat li l-utenti finali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar is-sessjonijiet tal-irriċarġjar u tar-riforniment tagħhom abbażi ta' servizzi ta' informazzjoni ta' kwalità għolja żviluppati mill-atturi rilevanti tas-suq.

(4) Sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet bejn it-tipi ta' data eżistenti u dawk miżjuda ġodda, jeħtieġ li jiġu aġġustati ċerti tipi ta' data elenkati fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/1804. Pereżempju, it-tip ta' data "post ġeografiku tal-punti tal-irriċarġjar u tal-punti ta' riforniment għall-fjuwils alternattivi" huwa sostitwit b'diversi tipi ta' data addizzjonali ġodda bħal "informazzjoni dwar il-pożizzjoni ġeografika tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS, Global Navigation Satellite System)", "informazzjoni addizzjonali dwar il-pożizzjoni ġeografika", "pajjiż", "reġjun", "belt jew raħal", "kodiċi postali", u "isem li hemm fuq l-indirizz".

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jikkomplementaw is-subtaqsimiet eżistenti skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/1804 billi jżidu punti ġodda mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/1804 biex ikopru data statika għall-infrastruttura għar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku, data statika ulterjuri għall-infrastruttura tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-fjuwils alternattivi, u data dinamika ulterjuri għall-infrastruttura għar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku.

[1] ĠU L 234, 22.9.2023, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1804/oj.

(6) It-tipi ta' data addizzjonali introdotti permezz ta' dan ir-Regolament huma konsistenti mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati mal-format, il-frekwenza u l-kwalità stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 20(7) tar-Regolament (UE) 2023/1804 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/655 ([2]).

(7) Sabiex jiġu antiċipati l-iżviluppi futuri u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) 2023/1804, it-tipi ta' data stabbiliti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu aċċessibbli wkoll permezz ta' punt ta' aċċess komuni Ewopew li jrid jiġi stabbilit mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2026. Dan se jippermetti lill-utenti tad-data jaċċessaw faċilment id-data u jqabblu l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, bħall-prezz, l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà jew il-kapaċità tal-potenza.

(8) It-tipi ta' data addizzjonali stipulati b'dan ir-Regolament jibnu fuq l-eżiti tal-Azzjoni ta' Appoġġ għall-Programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa b'rabta mal-Ġbir ta' data relatata mal-punti tal-irriċarġjar/tar-riforniment għall-fjuwils alternattivi u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni uniċi relatati mal-atturi tal-elettromobbiltà (IDACS) li ġiet konkluża fl-2022.

(9) Skont l-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2023/1804 l-atti delegati u ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament għandhom jipprevedu perjodi tranżizzjonali raġonevoli qabel ma d-dispożizzjonijiet li jinsabu fihom, jew l-emendi tagħhom, isiru vinkolanti fuq l-operaturi jew is-sidien ta' punti tal-iċċarġjar u punti ta' riforniment għall-fjuwils alternattivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-14 ta' April 2025 biex jikkoinċidi mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2023/1804.

(10) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2023/1804 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/1804 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sal-14 ta' April 2025, l-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar u punti ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-fjuwils alternattivi, jew, f'konformità mal-arranġamenti bejniethom, is-sidien ta' dawk il-punti, għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data statika u data dinamika dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi mħaddma minnhom, jew servizzi marbuta b'mod inerenti ma' tali infrastruttura li huma jipprovdu jew li jesternalizzaw, mingħajr ħlas. It-tipi ta' data li ġejjin għandhom ikunu disponibbli:

(a) Data statika għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-fjuwils alternattivi mħaddma minnhom:

(i) Isem legali tal-operatur jew tas-sid tal-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment,

(ii) Isem kummerċjali tal-operatur jew tas-sid tal-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment,

(iii) L-għadd ta' punti tal-irriċarġjar jew tar-riforniment,

(iv) Appoġġ għas-servizz,

(v) Telefown tal-helpdesk,

(vi) Faċilitajiet li joffru servizzi assoċjati lill-utent,

(vii) Informazzjoni dwar il-pożizzjoni ġeografika tas-Sistema Globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS),

(viii) Informazzjoni addizzjonali dwar il-pożizzjoni ġeografika,

(ix) Pajjiż,

(x) Reġjun,

(xi) Belt jew raħal,

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/655 tat-2 ta' April 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet u tal-proċeduri relatati mad-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (ĠU L, 2025/655, 3.4.2025, ELI: xxx).

(xii) Kodiċi postali,

(xiii) Isem li hemm fuq l-indirizz,

(xiv) Ħinijiet tal-ftuħ,

(xv) Żona tal-ħin,

(xvi) Kompatibbiltà tat-tip ta' vettura,

(xvii) Speċifikazzjonijiet tal-vettura permessi,

(xviii) Għadd ta' spazji għall-parkeġġ,

(xix) Għadd ta' spazji ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà,

(xx) Apparat ta' pagament b'qarrej tal-kards tal-bank,

(xxi) Apparat ta' pagament b'funzjonalità mingħajr kuntatt li mill-inqas ikun kapaċi jaqra l-kards tal-pagament,

(xxii) Opzjoni oħra ta' pagament *ad hoc*,

(xxiii) Informazzjoni addizzjonali dwar il-forniturі tal-pagamenti aċċettati,

(xxiv) Opzjoni ta' pagament ibbażata fuq kuntratt (abbonament);

(b) Data statika ulterjuri għall-infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom:

(i) Kodiċi tal-ID tal-punt tal-irriċarġjar (konnettur),

(ii) Għadd ta' konnetturi,

(iii) Tip ta' konnettur (plagg),

(iv) Tip ta' kurrent,

(v) Potenza massima tal-istazzjon tal-irriċarġjar,

(vi) Potenza massima tal-punt tal-irriċarġjar,

(vii) Fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà li joffru rriċarġjar ibbażat fuq kuntratt,

(viii) Plug-and-charge,

(ix) Servizzi tal-irriċarġjar intelliġenti,

(x) L-elettriku fornut huwa 100 % rinnovabbli;

(c) Data statika ulterjuri għall-infrastruttura għar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom:

(i) Stat tal-idroġenu,

(ii) Pressjoni tal-idroġenu,

(iii) Kapaċità kumulattiva ta' kuljum,

(iv) L-idroġenu fornut huwa 100 % rinnovabbli;

(d) Data statika ulterjuri għall-infrastruttura tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-metan likwifikat:

(i) Il-metan likwifikat fornut huwa 100 % rinnovabbli;

(e) Data statika ulterjuri għall-infrastruttura tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-fjuwils alternattivi mħaddma minnhom:

(i) Tip ta' konnettur (distributur);

(f) Data dinamika għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-fjuwils alternattivi mħaddma minnhom:

(i) Status operazzjonali,

(ii) Disponibbiltà,

(iii) Prezz *ad hoc*;

(g) Data dinamika ulterjuri għall-infrastruttura għar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom:

(i) Ammont limitat ta' idroġenu disponibbli".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN